# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI Numru 2968

**Kaz Nru. 4142 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Maria Rosaria Farrugia (ID 218363 M)**

**vs**

**Catherine Schembri (ID 520586 M)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrenti Maria Rosaria Farrugia li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2023.**

**Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Christopher Vella u l-intimata kienet assistita mill-Avv. Amadeus Cachia.**

**Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrenti tghid :-**

**Li hija kienet impjegata bhala Sales Assistant mal-intimata fuq bazi full-time. Hija tghid ukoll, li l-ewwel giet impjegata mir-ragel tal-intimata u cioe Omar Schembri nhar l-4 ta' Novembru, 2019 u l-impjieg taghha kien ghal perjodu qasir hafna ta' ftit gimghat.**

**Hija tghid ukoll, li sussegwentament kienet giet impjegata mal-intimata nhar 1 ta' Jannar, 2020 u baqghet taghmel l-istess xoghol li kienet tghamel qabel.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li l'impjieg taghha gie terminat fl'14 ta' Ottubru, 2022 u t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha sar hesrem, minghajr notice, minghajr proceduri ta' dixxiplina u minghajr ebda raguni valida.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li x-xoghol taghha fil-hanut kien li tghaqdi l-klijenti, tiehu hsieb l-istock billi tordna affarijiet relatati mac-cheese coutner, tqieghed l-affarijiet fuq l-ixkaffer u hafna xoghol iehor relatat mal-hanut.**

**Hija tkompli tispjega, li l-hanut huwa forma ta' mini market jew kif inhuma maghrufin llum convenience shop li jbiegh hxejjex, priezet, gobon, bottijiet tal-preserve u komoditajiet ohra.**

**Hija tghid ukoll, li l-paga taghha kienet ta' €1,217 fix-xahar u din il-paga kienet zdiedet matul iz-zmien ghaliex originarjament meta bdiet tahdem kellha paga ta' €967 fix-xahar. Hija tkompli tghid, li z-zidiet li hadet juru li kien hemm rikonoxximent ta' kemm kienet taghmel hilitha fuq il-post tax-xoghol.**

**Hija tkompli tghid li fid-9 ta' Awwissu, 2022 kellha incident li kawza tieghu sofriet ksur fil-pala ta' saqajha u dan l-incident ma sehhex fuq il-post tax-xoghol u meta sehh, dakinhar stess kienet infurmat lill intimata.**

**Hija tghid ukoll, li kawza tal-griehi ma setghetx tattendi ghax-xoghol ghal perjodu ta' zmien u tinnota, li matul dan iz-zmien ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-intimata kienet wahda tajba hafna.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li hija kienet taghmel hilitha sabiex torganizza u timbotta l-hanut 'l quddiem u l-intimata kienet kuntenta bix-xoghol taghha tant, li qatt ma inghatat xi forma ta' warning.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kawza ta' dan l-incident spiccat b'saqajha fil-gibs u f'wheelchair u allura definittivament ma setghetx tmur ghax-xoghol u kellha tohrog bis-sick-leave u kif jidher mic-certifikati setghet tidhol lura ghax-xoghol nhar l-10 ta' Ottubru, 2022.**

**Hija tghid ukoll, li matul il-perjodu ta' konvalixxenza kienet qed izomm lill-intimata nfurmatha bi kwalunkwe zviluppi rigward is-sahha taghha u anke kif kienu qalulha t-tobba nfurmat lill intimata bid-data ta' meta hija kienet ser tirritorna lura ghax-xoghol u l-intimata qatt ma bghatet tabib fir-residenza taghha ghax ma kellhiex ghalfejn tiddubitha.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li giet infurmatha mill-intimata li kienet ser timpjega individwu ghall-perjodu li matulu r-rikorrenti ma kienitx ser tkun tista tattendi ghax-xoghol u qatt ma inghatat x'tifhem li hija kienet ser tisfa mkeccija, anzi kienet giet accertata li kif tkun f'pozizzjoni li tattendi ghax-xoghol hija tkompli fejn halliet.**

**Hija tkompli tghid, li nhar il-5 ta' Ottubru, 2022 giet certifikata li fl'10 ta' Ottubru, 2022 setghet tirritorna ghax-xoghol kif fil-fatt ghamlet u meta t-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022 irritornat ghax-xoghol innutat li l-attegjament tal-intimata maghha kien differenti minn qabel.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li nnutat li certu bejgh li hija kienet taghmel qabel wegghet u cio bejgh ta' certu hbejjez ghall-haddiema tax-xoghol ma kienx ghad hemm domanda ghalih bhal qabel.**

**Hija tkompli tghid, li l-intimata bdiet titlob minnha li is-saqsi ghal permess taghha ghal kull haga li taghmel, inkluz jekk tkun se tiftah xi laned tal-ikel u bdiet tpoggi fuqha hafna ordnijiet u regoli li qabel ma kienux, ghax il-perjodu ta' qabel ma r-rikorrenti wegghet hija anke kellha**

**l-awtorizazzjoni li tiehu hsieb il-hanut wehidha u anke titkellem mal-agenti ghal xoghol li kien jirrigwardja c-cheese counter.**

**Hija tghid ukoll li minkejja din l-attitudni ta' l-intimata, hija baqghet tahdem normali, tobdi l-ordnijiet li tinghata u baqghet tirrispetta lill initmata bhala l-principal taghha.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li nhar il-Gimgha 14 ta' Ottubru, 2022 kienet bdiet il-gurnata tax-xoghol taghha u kienet hadet bicca kejk lil intimata li kienet hmiet hi stess u dakinhar hija kompliet il-gurnata tax-xoghol taghha normali sakemm waslet biex titlaq li kienu ghall-habta ta' nofsinhar.**

**Hija tghid ukoll, li kif waslet biex titlaq mix-xoghol aggornat lill-intimata b'rendikont tal-gurnata u talbet sabiex il-bank fejn kienet tahdem hi tac-cheese counter jithalla organizzat mill-impjegat li kienet dahlet sabiex jissotitwixxijha tul il-perjodu ta' konvalixxenza.**

**Hija tkompli tghid li hekk kif ghamlet din it-talba, l-intimata infexxet f'dadigha ta' ghajjat u storbju u qaltilha ghal diversi drabi li l-hanut huwa taghha u ma tiflahx taraha quddiemha izjed u ordnatilha titlaq 'l barra.**

**Ir-rikorrenti tghid li l-ghada s-Sibt 15 ta' Ottubru, 2022 xorta marret ghax-xoghol b'mod normali fis-6 ta' fil-ghodu u meta dahlet ghax-xoghol**

**l-intimata riedet tkompli l-argument tal-gurnata ta' qabel u nfurmatha li qieghda titterminalha l-impjieg.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li qabel ma giet imkeccija hija ma giet moghtija l-ebda twissija, l-ebda canfira, l-ebda akkuza u fuq kollox lanqas ma tresqet quddiem bord ta' dixxiplina sabiex jigi trattat il-kaz taghha.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma kienitx ghal ragunijiet tajba u bizzejjed skond il-ligi u ghaldaqstant saret bi ksur tal-ligi.**

**Hija tkompli tghid, li qatt ma tkecciet minn post tax-xoghol qabel u dan l-episodju affettwaha hazin b'mod psikologiku u wkoll ghamlet perjodu minghajr impjieg.**

**Ghaldaqstant hija umilment qieghda titlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeciedi, li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mal-intimata, kienet wahda ingusta u joghgbu jordna lill intimata sabiex thallas kumpens gust lilha ghad-danni sofferti bhala rizultat ta' din it-terminazzjoni ingusta.**

**Minn naha ta' l-intimata fl'istaqrrija tal-kaz intqal, illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi hija m'hijiex il-legittmu kontradittur u dan peress illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika ai fini ta' impjieg bejn Maria**

**Rosaria Farrugia u l'intimata, izda r-relazzjoni guridika semmai hija bejn Maria Rosaria Farrugia u Frott il-Bidwi (isem in-negozju) fejn kienet tahdem l-attrici.**

**Hija tghid ukoll, li minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu jigi rilevat, illi m'huwiex minnu li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Maria Rosaria Farrugia hija wahda ngusta – illi anzi hija ben gustifikata kemm fattwalment kif ukoll legalment.**

**Hija tkompli tghid li fil-fatt jigi rilevat, illi Maria Rosaria Farrugia kienet tahdem fin-negozju Frott il-Bidwi gesti minn l'intimata fejn fuq xogholha ma kienet xejn professjonali u sahansitra kienet tohloq ambjent ostili ferm specjalment fil-konfront ta' l-intimata.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrent kienet tkun ostili mal-intimata kwotidjanament fejn l-atteggjament taghha ma kienx wiehed xieraq fuq il-post tax-xoghol, ma kienitx tinforma lill-intimata bl-ordnijiet illi tkun qieghda taghmel nonostante illi hija kienet l-impjegata u ghalhekk kellha obbligu versu minn qieghed ihaddimha li tinfurmah b'kollox, ma kienitx tiehu pjacir u kienet tispicca tiggieled mal-intimata jekk l-istess intimata kienet tordna xi affarijiet ohra minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, lill-agenti kienet tkellimhom direttament ir-rikorrenti sabiex tkun tista tordna direttament hi u dan anke gili bil-habi tal-intimata.**

**L-intamata tkompli tghid, li nstabu affarijiet neqsin minn fuq il-counter fejn kienet tahdem ir-rikorrenti u ma kienet tghat l-ebda spjegazzjoni. Ma dan, ir-rikorrenti qabdet u siefret gimgha waqt li suppost kienet bis-sick minghajr ma avzat lill-intiamta  u ma kienitx tipprovdi certifikat mediku wara li jkun gie mitlub lilha kif ukoll, li ma kienitx tidhol ghax-xoghol minhabba li kienet tkun marida u mhux dejjem ipprovdit certifikat mediku ghall-assenza taghha.**

**L-intamata tghid ukoll, li r-rikorrenti kienet tghajjar u takkuza lill-intimata illi ma kienitx kapaci tiehu hsieb ic-cheese counter u hafna atteggjament iehor illi juri nuqqasijiet kbar u naccettabbli minn-naha tar-rikorrenti fuq il-post tax-xoghol u dan l-atteggjament u affarijiet ohra kienu joholqu ambjent ta' tensjoni fuq il-post tax-xoghol.**

**L-intamata tkompli tghid, li kien ghalhekk wara anke verifici illi ghamlet mal-jobsplus iddecidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti fuq ragunijiet ta' dixxiplina.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kienet impjegata ma Catherine Schembri (ID 520586 M) u kienet tahdem bhala Sales Assistant fil-hanut ta' l-intimata.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet l'intimata fejn spjegat li l-operat tal-hanut li kien ibieh prodotti ta' grocery u haxix. Hija tghid ukoll li r-**

**rikorrenti kienet ilha tahdem maghha fil-hanut ghal perjodu ta' tlett snin u l-hinijiet tax-xoghol kienu mis-sitta ta' fil-ghodu sa nofs-inhar**

**L-intimata tghid ukoll, li ma kellix xi tgerger fuq ix-xoghol tar-rikorrenti li kellha mal-klijenti pero fir-rigward ir-relazzjoni tar-rikorrenti maghha kienet storja differenti ghal diversi ragunijiet fosthom; ghax kienet tkun bin-nervi maghha u kienet iggib il-problemi tad-dar fuq il-post tax-xoghol.**

**Fix-xhieda taghha l-intimata tghid ukoll, li kienet thalli lir-rikorrenti tordna x-xoghol ta' prodotti, izda meta l-intimata kienet tordna hi x-xoghol ta' prodotti li wara kollox il-hanut kien taghha, ir-rikorrenti kienet tbiddel l-attitudni taghha b'mod negattiv maghha.**

**L'intimata tghid ukoll, li kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-rikorrenti naqset, bhal meta tilfet skieken u dawn wara nstabu fil-garbage bag u gieli ma nstabux, kien hemm okkazzjoni ohra fejn kilo zebbug instab fil-garbage bag.**

**L'intimata tkompli tghid, li r-rikorrenti kienet kisret saqajjha u qaltilha li ma setghatx tattendi ghax-xoghol ghal madwar xahrejn u ghalkemm l'intimata ma kellix obbligu pero kienet infurmat lir-rikorrenti, li kienet se ddahhal impjegat iehor temporanju sakemm ir-rikorrenti tirritorna ghax-xoghol.**

**L'intimata tghid ukoll, li meta r-rikorrenti qaltilha li se tirritorna ghax-xoghol kienet informat lil haddiem li kien temporanju sabiex jibqa jahdem maghha fil-ghaxijiet meta r-rikorrenti ma kienitx tkun xoghol u dan sabiex ikollhu c-cans li jsib impieg alternattiv.**

**L'intimata tkompli tghid, li meta r-rikorrenti kienet bis-sick hija kienet siefret u wara dahlet ghax-xoghol fl'1 ta' Ottubru bin-nervi u b'attitudni negattiva fil-konfront taghha.**

**Dwar il-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg l'intimata tghid, li f'dik il-guranata qabel ma r-rikorrenti telqet mix-xoghol qaltilha, biex tghid lill impjegat l'iehor sabiex fil-ghaxija ma jmissx ic-cheese counter minn kif ghamlithu.**

**L'intimata tghid li wiegbet lir-rikorrenti, li forsi hi bhala l-propjetarju tal-post riedet tirrangah kif xtaqet hi ghax wara kollox il-post kien taghha u bi twegiba ghal dan ir-rikorrenti qaltilha, li mhux ta' b'xejn kellha gobon skadut u l'intimata hadet dan id-diskors bhala malafama u gew f'argument, fejn ir-rikorrenti staqsiet lill'intimata rieditix titlaq u l'intimata wiegbet li maghha b'dik l-attitudni ma setghatx tibqa tahdem u fil-waqt li r-rikorrenti ndirizzatha bi kliem mhux xieraq telqet mill-hanut u wara kienet l-intimata li tterminat l-impjieg tar-rikorrenti.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet ir-rikorrenti fejn tghid, li ma l'intimata kienet titkellem b'mod normali fuq diversi affarijiet kemm tax-**

**xoghol kif ukoll tal-familja u ma kienx hemm dizgwid bejniethom ghajr meta kienet talbet zieda fil-paga li giet moghtija lilha.**

**Hija tghid wkoll, li wara li kienet sick leave dahlet ghax-xoghol u rat lil intimata differenti maghha. Hija tkompli tghid, li dwar il-kaz inkwestjoni beda mill-gurnata tal-Gimgha, fejn dakinhar marret normali ghax-xoghol u matul il-gurnata tax-xoghol hi u l-intimata tkellmu b'mod normali.**

**Fix-xhieda taghha tghid, li hija kienet iffissata fuq ic-cheese counter, kienet tarah sabih u tghamel hilitha biex ikun attrajenti u dak inhar qabel ma telqet mix-xoghol qalet lil intimata sabiex tghid lil persuna li kienet tahdem fil-ghaxija biex ic-cheese counter ihallih kif inhu.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li meta qalet dan ma kienitx kelma li qalet lill intimata ghax bdiet tghajjat u tghidilha li ma tiflahx tarahha b'ghajnejja u minn naha tar-rikorrenti irrispondiet li kienet ilha tahdem tlett snin maghha u dejjem ghamlet mill-ahjar ghal hanut u dejjem serviet il-klijenti mill-qalb pero l-intimata qaltilha biex titlaq il-barra.**

**Ix-xhud tghid ukoll li l-ghada s-Sibt, marret normali ghax-xoghol fis-sitta ta' fil-ghodu u meta kienet se tibda x-xoghol rega qam l-argument ma l-intimata fejn qaltilha li qed tghatiha malafama dwar il-gobon skadut u minn naha tar-rikorrenti cahdet li qalet dan il-kliem.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li l-intimata qaltilha li l-hanut kien taghha u mhux tieghek u qalet ukoll lir-rikorrenti li hi ma tahdimx ma nies li ma tridhomx u l-intimata qalet lir-rikorrenti biex taqbad u titlaq il-barra kif hekk kellha tghamel.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li l-intimata tghid li r-rikorrenti kellha diversi nuqqasijiet kemm kienet ilha fl'impjieg maghha u kien hemm okkazzjonijiet fejn anke giet imwissja verbalment, liema allegazzjonijiet gew michuda mir-rikorrenti.**

**Rigward dan l-aspett It-Tribunal Industrijali jirrimarka, li m'hix sitwazzjoni abnormali li meta tintemm ir-relazzjoni tax-xoghol bejn minn ihaddem u l-impjegat, minn naha ta' min ihaddem jghamel riferenza ghal xi kazijiet li jkunu sehhu fil-passat u huwa ghal din ir-raguni li t-Tribunal Industrijali dejjem sahaq, li meta jkun hemm kazijiet fejn min ihaddem jahseb li l-impjegat ikun naqas u dan in-nuqqas ikun jirrikjedi passi dixxiplinarji, dawn ghandhom isiru bil-miktub u dan anke f'kazijiet ta' twissijiet verbali u dan sabiex l-impjegati jkunu konxji li gew mwissija kif ukoll ikollhom l-opportunita li jiddefendu l-kaz dixxiplinarju taghhom b'modd xieraq.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jqies, li kif jirrizulta mill-provi dawn it-twissijiet li allegatament gew moghtija lir-rikorrenti ma gewx**

**registrati bil-miktub u ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li dawn it-twissijiet m'humiex validi.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'modd hesrem u l-intimata iddecidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti ghax kienet hatja minghajr qabel ir-rikorrenti ghaddiet process ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrenti kien ikollha l-opportunita li tispjega u tiddefendi b'modd xieraq l-alleggezzjonijiet li saru fil-konfront taghha.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali huwa li hadd ma ghandu jinstab hati qabel ma jigi moghti l-opportunita ghal smigh xieraq.**

**It-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni ta' min ihaddem l-impjegat ikun naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, minn ihaddem ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu in-nuqqassijiet tieghu u jghatih l-oppotunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Ghaldaqstant, minn ihaddem ghandu johrog att ta' akkuza (charge) bil-miktub fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jinstema**

**l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata l-opportunita li jtella xhieda, kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-kaz l-intimata ma tghat l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq tiddefendi l-kaz taghha u l-intimata tterminat l-impjieg tar-rikorrenti b'modd hesrem.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzzjoni li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat hesrem u r-rikorrenti ma kellix smigh xieraq fil-process ta' dixxipplina u b'konsegwenza gie miksur id-dritt fundamentali taghha tal-gustizzja naturali u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li r-rikorrenti ghandha tigi moghtija kumpens ta' €4,000 (erbgha t'telef ewro) liema kumpens ghandu jithallas minn Catherine Schembri (ID 520586 M).**

**Fl'ghoti tal-kumpens it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li peress fil-kaz inkwestjoni qed jittratta kaz ta' negozju zghir, dan il-kumpens ghandu jithallas €1,000 (elf euro fix-xahar) fl'ahhar gurnata tax-xahar ta'**

**Frar, 2024 u jibqa jithallas l-ammont ta' €1,000 (elf euro fix-xahar) kull l-ahhar gurnata tax-xahar sal-31 ta' Mejju, 2024 u f'din il-gurnata jkun thallas l-ammont ta' €4,000 (erbgha t'elef euro) dovut lir-rikorrenti.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 06.02.2024**